A.L. 330 ta' l-2003

ATT TA' L-2001 DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI
(ATT NRU. XXIII TA' 2001)

Regolamenti ta' l-2003 dwar Kriterji għal Dħul u Reġistrazzjoni ta' *Equidae* fir-Reġistri tar-Razza għal Raġunijiet ta' Tgħammir

BIS-SAĦĦA tas-setgħa mogħtija bl-artikolu 34(d) ta' l-Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 dwar Kriterji għal Dħul u Reġistrazzjoni ta' *Equidae* fir-Reġistri tar-Razza għal Raġunijiet ta' Tgħammir.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa l-Implimentazzjoni tar-regoli mniżżla taħt id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea 96/78/EEC li tistabbilixxi l-kriterji għal dħul u reġistrazzjoni ta' *equidae* fir-reġistri tar-razza għal raġunijiet ta' tgħammir. Din id-Deċiżjoni issib bażi legali taħt id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/427/EEC artikolu 4 (2) (b).

Kwalifika għal dħul fit-taqsima prinċipali tar-reġistru tar-razza

2. (1) Sabiex jikkwalifikaw għal dħul fit-taqsima prinċipali tar-reġistru tar-razza tagħhom, l-*equidae* għandhom -

(a) ikunu ġejjin minn ġenituri mdaħħla fit-taqsima prinċipali ta' reġistru tar-razza ta' dik l-istess razza u jkollhom *pedigree* stabbilita skond ir-regoli ta' dak ir-reġistru tar-razza;

(b) ikunu identifikati bħala *foal at foot* skond ir-regoli ta' dak ir-reġistru tar-razza, li ta' l-anqas għandu jinħtieġ li jkun kopert b'ċertifikat.

(2) B'deroga mill-paragrafu (a) tas-subregolament (1), animal jista' jiddaħħal fit-taqsima prinċipali sabiex jieħu sehem fi programm ta' tgħammir imħallat approvat mill-organizzazzjoni jew assoċjazzjoni skond ir-regoli ta' dak ir-reġistru tar-razza. Il-programm ta' tgħammir imħallat għandu jsemmi ir-razez li jitħallew jieħdu sehem.

Tqassim tat-taqsima principali tar-registru tar-razza

3. (1) It-taqsima prinċipali ta' reġistru tar-razza jista' jinqasam skond paragrafu 3 (b), il-ħames indent, ta' l-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea 92/353/EEC li jistabbilixxi l-kriterji għall-approvazzjoni jew rikonoxximent ta' organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet li jżommu jew joħolqu reġistri tar-razza għal *equidae* reġistrati fi klassijiet diversi skond il-merti ta' l-annimali. *Equidae* li jilħqu l-kriterji stabbiliti fir-regolament 2 biss jistgħu jiddaħħlu f'waħda minn dawk il-klassijiet.

(2) Meta reġistru tar-razza jkun fih diversi klassijiet fit-taqsima prinċipali, annimal minn reġistru tar-razza ieħor għandu jiddaħħal fil-klassi tar-reġistru tar-razza li tkun skond il-kriterji relattivi.

Taqsima supplementari tar-reġistru tar-razza

4. (1) Organizzazzjoni jew assoċjazzjoni li żżomm reġistru tar-razza tista' tiddeċiedi li annimal, li ma jilħaqx il-kriterji stabbiliti fir-regolament 2, jista' jiddaħħal f'taqsima supplimentari ta' dak ir-reġistru tar-razza. L-annimal għandu jsegwi l-ħtiġiet li ġejjin -

(a) ikun identifikat skond ir-regoli tar-reġistru tar-razza;

(b) ikun ġudikat li jikkonforma ma' l-istandard tar-razza;

(c) ikollu *performance* minima kif stabbilit fir-regoli tar-reġistru tar-razza.

(2) L-organizzazzjoni jew assoċjazzjoni għandha tistabblixxi r-regoli li jippermettu li l-wild ta' dawk l-annimali jiddaħħlu fit-taqsima prinċipali.